**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Anthony Joseph Xuereb**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identita' numru 25100H akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Marzu 2021 u t-23 ta' Marzu 2021, minn gewwa l-hanut Venerdi, 32, Triq Hal Tarxien, Tarxien:-

1. Ikkommetta **serq** ta' hwejjeg u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat **bil-mezz, hin, u valur**, liema ammont **jeccedi** elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Clint Pulis u/jew persuni ohra;

2. U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel **hsara** jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin euro (250) u dan ghad-detriment ta' Clint Pulis u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala **recidivi** ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 279(b), 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Anthony Joseph Xuereb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin.

L-imputat ghandu wkoll ihallas is-somma mertu tal-kawza odjerna.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**